# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 224/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Janice Briffa**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Janice Briffa, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 474492M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Novembru, 2015 ghall-habta tas-2:30am gewwa Vjal it-Trasfigurazzjoni, Hal-Lija:

1. Meta kienet involuta f'incident tat-traffiku, naqset li tieqaf u taghti l-isem u l-indirizz taghha, u/jew informazzjoni tas-sid tal-vettura, d-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta' registrazzjoni tal-vettura lill-ufficjal tal-Pulizija, gwardjan Lokali jew

lil persuna li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk; (LS 65 Tieni Skeda)

2. Naqset li ggedded il-licenzja tas-sewqan meta kellha il-perjodu tal-validita' tal-imsemmija licenzja skaduta; (Kap 65 Tieni Skeda)

3. Saqet vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15(1)(a),(3))

Il-prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika mill-Licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' April, 2016 li biha ma sabitx lill-appellata hatja u fuq nuqqas ta' provi illiberatha;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonferma** l-liberatorja biss fil-konfront tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni, **ssib htija** fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u tinfliggi piena skont il-ligi rilevanti u adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali limitat ghal dik il-parti tas-sentenza liberatorja fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellata igifieri dik li biha kienet liberata li naqset milli tieqaf u taghti d-dettalji taghha wara li kienet involuta f'incident tat-traffiku;

2. Din il-Qorti semghet lil sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCH 749 jghid kif il-Pulizija kienet ghamlet kuntatt mieghu biex tinfurmah illi persuna ohra kienet habtet fil-vettura tieghu jumejn qabel. Huwa ma kienx induna b'dan l-incident u meta mar jispezzjona l-vettura sab xi grif u l-*bumper* xi ftit mhux allineat. Mill-bqija ma kien jaf xejn aktar;

3. PC 1526 Charlon Borg xehed permezz ta' affidavit illi fit-3 ta' Novembru, 2015 ghall-habta tas-2.30am waqt li kien Fixed Point gewwa Transfiguration Avenue Lija, ra vettura ta' kulur abjad numru ta' registrazzjoni FCH 749 tahbat ma' vettura ohra numru ta' registrazzjoni JNC 279 u baqghet sejra. WPC 161 Tania Camilleri xehedet illi fl-4 ta' Novembru, 2015, Janiece Briffa kienet mitkellma gewwa l-ghassa ta' Birkirkara u stqarret li kienet laqtet il-vettura FCH 749 izda dak il-hin bezghet u baqghet sejra izda li kienet sejra taghmel rapport xorta wahda l-ghada wara l-iskola fejn tattendi. Dan l-ahhar affidavit ser ikun skartat ghaliex ghandu mill-elementi ta' stqarrija minghajr ma jidher li inghataw il-kawzjonijiet u drittijiet ghar-rappresentanza legali kif titlob il-ligi. Il-pregudizzju naxxenti minn tali "interrogatorji" ma jistghax ma jkunx sottolineat u ghalhekk id-dikjarazzjoni kif rapportata mix-xhud ser tkun skartata;

4. Il-Qorti ghalhekk ghandha dikjarazzjoni ta' xhud okulari, PC1526 li korrettamment u b'mod lejali lejn il-gurament tieghu, segwa l-indagini wara li ra hu stess persuna tahbat bil-vettura taghha ma' vettura ohra u baqghet sejra. Kif tajjeb osserva l-abbli difensur tal-appellata, izda, ix-xhud qal li kienet il-vettura FCH 749 li dahlet fil-vettura JNC279 u mhux fl-invers. Ghalhekk jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet

radikata mill-kontenut ta' dan l-affidavit, biex ma jinghad xejn dwar il-prova tal-identita' ta' min kien qed isuq, allura l-ewwel Qorti kellha ragun li tghaddi ghal-liberazzjoni tal-appellata;

5. Ghalhekk ma hemm xejn x'jiddimostra li din il-Qorti ghandha b'xi mod tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha la darba jirrizulta li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

6. Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali qed ikun michud.